# Il-Popolazzjoni tal-Parroċċa San Ġorġ ta' Ħal Qormi (1814-1851)

*kitba ta' Dr Joseph F. Grima*

Kaġun tal-pesta tal-1813/14 li laqtet bil-kif lil Ħal Qormi, li dak iż-żmien kien jinkludi fih parroċċa waħda b'dedika lil San Ġorġ Megalomartri,[1] il-popolazzjoni qormija naqset bil-kif. Mill-pesta kienu mietu direttament xejn anqas minn 741 ruħ li 728 minnhom huma mniżżlin fir-reġistru parrokjali tal-imwiet.[2] In-numru ta' abitanti f'Ħal Qormi niżel għal madwar 3500/3700 persuna u n-numru kien biss ta' 3562 ruħ fl-1818.[3] Iżda maż-żmien in-numru beda jiżdied, tant li fl-1823 kien hawn 4057[4] ruħ fil-parroċċa qormija, fl-1835 il-poplu qormi leħħaq il-4458 persuna,[5] u reġa' tela għal 4525 abitant fl-1836,[6] żidiet pjuttost sostanzjali.

Qabel l-1842, ma nisbux figuri uffiċjali governattivi tal-popolazzjoni ta' Malta (u sintendi, tal-ibliet u l-irħula individwali) iżda ċifri bbażati fuq il-kalkulazzjonijiet ipprovduti mill-kappillani tal-parroċċi li tniżżlu fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali, imsejħin *Blue Books* (mill-qoxra blu li kien ikollha l-kopja oriġinali), tal-gvern Ingliż f'Malta. Hekk, biex nagħtu xi eżempji, naraw li l-kappillan ta' Ħal Qormi ddikjara dawn in-numri ta' parruċċani: 4300 fl-1830; 4440 fl-1838; u 4628 fl-1841.[7] Għalkemm m'hux preċiżi għal kollox, dawn il-figuri kienu jkunu qrib ħafna tar-realta' tant li, biex nikkwotaw figura minnhom bħala eżempju, wieħed jaqbel man-numru mnaqqas tas-sena 1838 (meta mqabbla mal-figuri għall-1835 u l-1836 li tajna) billi mietu xi nies fl-imxija tal-kolera ta' dik is-sena.

## Tagħrif miċ-Ċensimenti

Semmejna l-1842 bħala punt ta' referenza għax kien proprju f'din is-sena partikolari li bdew isiru ċensimenti regolari fil-gżejjer Maltin li minnhom nisiltu ħafna tagħrif dwar il-poplu Malti, apparti ċ-ċifri ta' abitanti f'kull lokalità u t-total għal Malta u Għawdex. F'dan l-ewwel ċensiment, li kien pjuttost xott fit-tagħrif li nġabar, insibu li f'Ħal Qormi kien hawn 2,191 raġel u 2,337 mara għal total ta' 4,528 ruħ jew 3.95% mill-popolazzjoni totali tal-gżejjer Maltin.[8] Ninnotaw ukoll li l-figura li kien ipprovda l-kappillan kienet qrib ħafna ta' dik uffiċjali taċ-ċensiment: 4598 persuna.[9]

---

1 It-tieni parroċċa qormija, dedikata lil San Sebastjan Martri, bdiet tiffunzjona fil-5 ta' Jannar 1936.

2 Arkivju Parrokkjali Parroċċa San Ġorg, Ħal Qormi (APĠQ), *Liber Defunctorum B:* m'hux paġnat, *passim*. Magħhom inżidu 17-il persuna oħra li nafu bihom u li mietu f'dawn ix-xhur tal-1814: 3 f'April; 5 f'Mejju; 6 f'Ġunju; u 3 f'Lulju. Dawn is-sbatax mhumiex reġistrati fil-kotba tal-parroċċa.

3 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (AAM), Vista Pastorali (VP) Mattei 1813, ff'40v u 118v. Minkejja d-data tar-reġistru ta' din il-vista, l-Isqof ferdinandu Mattei kien żar lil Ħal Qormi fil-15 ta' Ġunju 1818 wara li ma kienx kompla l-vista tad-djoċesi, mibdija fl-1813, minħabba l-pesta.

4 Arkivju Nazzjonali ta' Malta (ANM), *Malta Blue Books* (MBB) *1823*, p. 175.

5 G. P. Badger, *Description of Malta and Gozo*, Malta 1838, Edizzjoni Faksimili 1989, p. 244.

6 ANM, MBB 1836, p. 200. Għas-snin 1828-35, il-kappillan dejjem iddikjara l-istess figura ta' 4300 ruħ.

7 ANM: MBB 1830, p. 196; MBB 1838, p. 198; MBB 1841, pp. 192-3.

8 *Censo di Malta e Gozo – 31 Marzo 1851*, Malta 1852, Tabella I; *Malta Government Gazette* (MGG), N.ru 1551, 31.xii.1842, p. 57.

9 ANM, MBB 1842, pp. 190-1.

Iċ-ċensiment li kien imiss, tal-1851, wera żieda fuq il-popolazzjoni ta' Malta ta' disa' snin qabel, riflessa wkoll f'Ħal Qormi li issa kellu 2,631 mara u 2,559 raġel, inkluż wieħed barrani li ma kienx Ingliż, għal total ta' 5,190 qormi jew 4.2% mill-popolazzjoni Maltija li issa kienet tgħodd 123,496 persuna. Din l-enumerazzjoni tatna bosta tagħrif dwar il-Qormin li minnu nisiltu dan li ġej. Kien hawn 993 familja u 86 individwi li kienu jgħixu weħidhom. Miżżewġin kien hemm 910 rġiel u 932 mara bid-differenza tal-figuri bejniethom possibilment tindika numru ta' rġiel li kienu msefrin. Romol nisa kien hemm 173, u rġiel 86, filwaqt li persuni singoli, jiġifieri mhux miżżewġin, kien hemm 251, inklużi xi sefturi. Sitt persuni, erbat irġiel u żewġ nisa, kellhom l-eta' kbira ta' bejn id-90 u l-95 sena u magħhom inżidu mara li kienet qabzet il-95 iżda mhux il-mitt sena.[10]

Dan l-istess ċensiment jagħti wkoll tagħrif dwar djar, vetturi u bhejjem f'Ħal Qormi. L-1058 binja fir-raħal kienu mqassmin hekk: 751 dar; 30 mezzanin; 239 kmamar singoli; 30 ħanut; 7 ġonna; u mitħna tar-riħ li għadha teżisti fit-triq li ilha ġġib isimha minn dak iż-żmien. Vetturi kien hawn parilja waħda, 6 kalessi, 8 karettuni wżati għad-divertiment, u 263 karettun tax-xogħol. L-annimali fir-raħal kienu jinkludu 49 żiemel, 466 bagħal, 78 ħmar, 438 barri, 228 mogħża, 429 nagħġa, u 1182 ħanżir. Sfortunatament, is-sezzjoni dwar xogħol u snajja' tagħti l-figuri kollettivi għall-erbat irħula tad-distrett, kollha flimkien f'tabella waħda, u ma nistgħux nisiltu minnu l-figuri dwar Ħal Qormi waħdu.[11] Ħal Qormi kien jagħmel parti mill-hekk imsejjaħ Ħames Distrett flimkien ma' Ħal Luqa, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.[12]

Fil-lat reliġjuż naraw li, fl-1859, f'Ħal Qormi kien hawn qassis wieħed għal kull 294 persuna li kien anqas mill-medja nazzjonali (eskluż Għawdex) ta' saċerdot għal kull 212-ir ruħ.[13] Il-figura dikjarata tal-parroċċa għall-1851 kienet ta' 5,454 ruħ,[14] jiġifieri 264 persuna aktar miċ-ċifra uffiċjali taċ-ċensiment. Dan seta' seħħ billi xi nies li kienu jitqiesu li jgħixu fil-limiti parrokkjali qormin (għax kienu jinqdew mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għall-bżonnijiet spiritwali) fil-fatt kienu jgħammru f'lokalita' meqjusa differenti mill-awtoritajiet ċivili, billi l-limiti ċivili u dawk parrokkjali mhux dejjem kienu jaqblu perfettament, għalkemm kienu simili ħafna.

Hawnhekk tajjeb inżidu wkoll li, f'dan il-perjodu li qegħdin inqisu, ma naqsux imxijiet u epidemiji li qatlu numru ta' nies, għalkemm mhux b'dik l-intensita' tal-pesta tal-1813/14. Attwalment, insibu li fl-1830 mietu 74 ruħ bil-ġidri, 141 persuna bil-kolera fl-1837, 4 min-nies oħra bil-kolera fl-1840 u, mill-ġdid bil-kolera, inqerdu 107 Qormin fl-1850.[15]

## Qagħda Ekonomika

Mill-figuri li qisna, rajna li l-popolazzjoni tal-parroċċa qormija żdiedet b'45% tul medda ta' 35 sena, żieda pjuttost qawwija. Tul dan il-perjodu, parzjalment riżultat tad-

[10] *Census 1851* (1952), *passim.*

[11] *Ibid., passim.*

[12] It-taqsim tal-gżejjer f'distretti sar permezz tal-Ordinanza Numru XI tal-1839.

[13] V. Borg, "The Diocesan Priests in the Maltese islands: 1551-1950 – Some Results of a Demographic Survey", *Bullettin tal-Arċidjoċesi u Liturġija tal-Kelma,* N.ru 32, Malta 1982, p. 249, Appendix B. Fl-1811, kien hawn f'Ħal Qormi qassis għal kull 244 persuna.

[14] ANB, MBB 1851, pp. 306-7.

[15] G. Schembri, "Mill-Ħajja Reliġjuża u Soċjali tal-Parroċċa San Ġorġ", *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja,* ed. J. F. Grima, Malta 1984, p. 118, li bbaża l-figuri tiegħu fuq ir-reġistri parrokkjali tal-imwiet. Rigward il-kolera tal-1837, il-figura uffiċjali governattiva għall-imwiet f'Ħal Qormi hi ta' 137 persuna; ara MGG, N.ri 1385-1401, 5.vii.1837 sal-11.x.1837. Għad-dettalji dwar l-epidemiji ara P. Cassar, *Medical History of Malta,* Londra 1964, *passim* u C. Savona Ventura, *Contemporary Medicine in Malta 1798-1979,* Malta 2005, *passim.*

dipressjoni ekonomika kaġunata mill-pesta tal-1813/14, Malta kienet għaddiet minn tbatijiet ekonomiċi kbar tant li, apparti l-ġuħ u n-nuqqas ta' xogħol għal diversi snin, kienu bosta dawk il-Maltin, fosthom Qormin, li ħtiġilhom isiefru lejn pajjiżi oħrajn fil-Mediterran biex isibu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum.[16] Iżda lejn nofs is-seklu, l-affarijiet f'Malta kienu qed jitjiebu xi ftit u l-prospetti ekonomiċi kienu aħjar milli kienu tletin sena qabel. Ħarsa lejn il-pagi juruna li, lejn nofs is-seklu, dawn kienu bdew jiżdiedu u dan kien ifisser kwalita' aħjar tal-għajxien. Ma kienx hemm xi żieda fenomenali bħalma naraw mill-figuri li ġejjin dwar tliet kategoriji ta' ħaddiema: domestiċi, tar-raba' u dawk tas-sengħa. Il-pagi rispettivi annwali tagħhom għas-snin li ser insemmgħu kienu kif ser inniżżlu hawnhekk f'liri u xelini sterlini:

1838: £13; £11. 15s; £18.15s
1842: l-istess bħal tal-1838
1851: £17.10s; £12.10s; £25.[17]

L-aqwa qabża fil-pagi kienet għan-nies tas-snajja' u għal dawk domestiċi filwaqt li l-ħaddiema tar-raba' – u kellna mhux ħażin minnhom f'Ħal Qormi – iż-żieda kienet anqas għalkemm għandna niftakru wkoll li wħud mill-prodotti agrikoli għall-konsum personali tagħhom ma kinux jixtruhom u b'hekk kienu jpattu xi ftit għall-pagi aktar baxxi li kellhom.

F'dan iż-żmien li qed inqisu, saru diversi opri fil-Knisja Parrokkjali. Minn flus li kien ħalla l-benefattur il-Kjeriku Pawlu Xuereb, saret il-gallarija tal-orgni fuq il-bieb prinċipali u ż-żewġ pitturi laterali tal-kor fl-1843 filwaqt li fl-1838 żdiedet il-vara ta' San Mikiel (mhux dik li hawn daż-żmien) li ħallasha Ġanni Cassar, il-prokuratur tal-Fratellanza ta' San Miliel. B'konnessjoni diretta mal-festa tat-titular, San Ġorġ, beda jsir xogħol ta' tiżjin tat-toroq u hu magħruf li fl-1846 kienu diġa' jeżistu xi trofej u li l-Qormin żanżnu l-ewwel palk tal-orkestra f'Misraħ San Franġisk fl-1868.[18] Qed insemmu dawn l-opri għax, għalkemm kien hemm imdaħħlin benefatturi individwali, kien hemm xogħlijiet oħrajn li tħallsu mill-qormin in ġenerali u dan seta' jsir għax il-posizzjoni ekonomika kienet qed titjieb lejn nofs is-seklu dsatax.





*Tnejn minn sett ta' armi mpittrin b'episodji mill-ħajja ta' San Ġorġ li jmorru lura għas-seklu dsatax u li kienu jintramaw fit-triq tal-purċissjoni. Daż-żmien huma miżmumin fil-mużew tal-knisja parrokkjali.*

---

[16] Għal deskrizzjoni tas-soċjeta' Maltija fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax ara H. Frendo, *Storja ta' Malta*, Vol. III, Malta 2004, p. 60 sqq. Dwar l-emigrazzjoni fis-seklu dsatax, ara C. A. Price, *Malta and the Maltese*, Melbourne 1954, *passim.*

[17] ANM: MBB 1838, p. 232; MBB 1842, p. 220; MBB 1851, p. 340. Is-simbolu £ tfisser lira/i, u 's' tfisser xelin/i. Lira kien fiha 20 xelin u xelin kellu 12-il sold.

[18] J. F. Grima, *Minn Ġrajjet Parroċċa Maltija: San Ġorġ ta' Ħal Qormi ca. 1400-2003*, Malta 2003, pp. 90-1. 93 u 95.